# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

**ONOR. IMĦALLEF**

**IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

**Illum, it-Tnejn, 22 ta' April, 2024.**

**Kawża Nru. 7**

**Rik. Nru. 50/2023 ISB**

**Thomas Pinter** detentur tal-karta tal-identità Awstrijaka bin-numru 11244831 kif rappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu l-Avv. Damien Degiorgio detentur tal-karta tal-identità numru 103075M

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti Thomas Pinter, intavolat fil-25 ta' Lulju 2023, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex tordna :-

1. *Iir-Registratur tal-Kumpanniji, jdahhal isem is-socjeta Intrapay Limited (C79573) fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u dan*
2. *Iir-Registratur tal-Qrati jinnotifika kopja ta' tali Ordni lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex jaffettwa tali registrazzjoni;*
3. *Iir-Registratur tal-Kumpanniji jippubblika minnufih, fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq is-sit elettroniku li jamministra hu u f'gazzetta Maltija jew prinċipalment Maltija l-fatt li isem s-socjeta Intrapay Limited (C79573) reġa ġie mnizzel fuq ir-Registru tal-Kumpanniji*

U dan wara li ppremetta:

1. *Illi l-esponent kien impjegat tas-socjeta Intrapay Limited (C79573) li kienet topera minn Level -2, 137, Spinola Road, San Giljan, STJ3011 (minn issa "**Intrapay**") mill-25 ta' Gunju 2018 sat-30 t'April 2019 meta gie itterminat l-impjieg tieghu.*

2. *Illi l-esponent skopra illi s-socjeta Intrapay giet imhassra minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji ta' Malta mill-intimat Registratur fl-14 ta' Dicembru 2020 hekk kif jidher mic-certifikat mahrug mir-Registratur tal-Kumpanniji (hawn annessa u mmarkata "**DOK.A**").*

3. *Illi r-Registratur ha tali azzjoni abbazi tal-Ligi Sussidjarja 386.19 (Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations[1]) hekk kif jidher fin-notifikazzjoni li giet ippublikata fit-Times of Malta fl-14 ta' Settembru 2020 (hawn annessa u mmarkata "**DOK.B**");*

4. *Illi s-socjeta Intrapay naqset milli thallas lill-esponent is-salarji u kontributi ohra dovuti lilu ghal diversi xhur qabel ma giet xjolta u*

[1] Dan ir-Regolament ġie ppublikat biss bil-lingwa Ingliża.

*imhassra minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji. L-ammont totali dovut lill-esponent huwa ta' €80,653.90 (tmenin elf, sitt mija tlieta u hamsin Euro u disghin centezmu) hekk kif jidher mid dokumenti hawn annessa mmarkati "**DOK.C**", liema ammont jinkludi ukoll imghaxijiet dovuti. Dan id-dokument gie pprezentat f'kawza kontra s-socjeta Intrapay Limited quddiem il-Qorti Regjonali ta' Korneuburg, fl-Awstrija fil-15 ta' Lulju 2019;*

5. *Illi qabel ma giet deciza il-fuq imsemijja kawza fl-Awstrija, is-socjeta Intrapay giet imhassra minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji ta' Malta u ghalhekk il-kawza ma setghetx titkompla fl-Awstrija, u ghada pendenti sa llum;*

6. *Illi ghalhekk, s-salarji dovuti lill-esponent baqghu ma thallsux u b'hekk l-esponent huwa kreditur tas-socjeta Intrapay fl-ammont komplessiv ta' €80,653.90 (tmenin elf, sitt mija tlieta u hamsin Euro u disghin centezmu) rapprezentanti salarji dovuti lilu;*

7. *Illi l-esponent ghandu bzonn dikjarazzjoni tal-Qorti ta' Malta li s-socjeta Intrapay hija insolventi sabiex l-esponent ikun jista' jibbenefika minn grant tal-gvern Awstrijak li tikkumpensa impjegati ta' kumpanijji insolventi ghall-hlas ta' salarji dovuti lilhom minn tali kumpaniji li m'ghandomx flus ihalsu l-impjegati taghhom. Tali grant jista' jinghata biss jekk il-fuq imsemmijja kawza tigi deciza mill-qorti Awstrijaka;*

8. *Illi ghalhekk, l-unika mod illi l-esponent jista jottjeni tali dikkjarazzjoni ta' insolvenza ta' Intrapay huwa billi jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji jerga jdahhal isem*

*is-socjeta Intrapay fuq ir-Registru tal-Kumpanniji sabiex l-esponent jipprova jithallas mill-assi ta' Intrapay. Fil-kaz li m'hemmx bizzejjed assi minn xiex jithallas, l-istralcjarju f'Malta jkun f'pozizzjoni li jaghmel dikjarazzjoni fis-sens li l-obligazzjonijiet tas-socjeta Intrapay jeccedu l-assi tal-istess socjeta u ghalhekk tinstab fi stat ta' insolvenza;*

9. *Ghalhekk, din d-dikjarazzjoni hija esenzjali sabiex il-kawza fl-Awstrija tkun tista titkompla, u sussegwentement l-esponent ikun jista japplika b'success ghal kumpens mill-gvern Awstrijakk hekk kif fuq indikat;*

10. *Illi dan ir-rikors qed isir ai termini tar-regolament 9(4) tal-Ligi Sussidjarja 386.19 u l-esponent huwa daqstant persuna interessata peress illi huwa kreditur tas-socjeta Intrapay skond l-istess artikolu;*

11. *Illi dan huwa l-uniku rimedju li ghandu l-esponent.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 13);

Rat **id-digriet** tagħha tat-3 ta' Awwissu 2023, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2023 u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta;

Rat l-affidavit tar-rikorrent Thomas Pinter;

Rat illi fid-29 ta' Settembru 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 22) bid-dokumenti hemmhekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija surreferita fir-rikors promotur, Intrapay Limited (C 79573) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji (“Reġistru”), fil-21 ta’ Marzu 2017;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha, bi ksur tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations;*

*Illi apparti minn dan, il-kumpanija Intrapay Limited naqset ukoll milli tissottometti l-kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji, tant illi tul is-snin li damet fuq ir-Reġistru qatt ma ġew sottomessi tali dokumenti;*

*Illi r-Reġistratur ġie notifikat bl-aħħar tibdil fl-uffiċjali tal-kumpanija f’Mejju tas-sena 2019, liema tibdil kien jikkostitwixxi f’riżenji b’data effettiva tas-26 ta’ Diċembru 2018 tal-unika direttur tal-kumpanija u kif ukoll tas-segretarju tal-kumpanija (u konsegwentement il-kumpanija baqgħet mingħajr l-ebda persuna vestita b’rappreżentanza tal-istess). Minn dik in-notifika ‘l quddiem sakemm il-kumpanija damet fuq ir-Reġistru, l-istess pożizzjonijiet fil-kumpanija baqgħu vakanti bi ksur tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi tali nuqqasijiet kienu raġunijiet biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jipproċedi skont il-poteri mogħtija lilu taħt ir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur ipproċeda sabiex kiteb lill-kumpanija biex javża illi l-kumpanija kienet għadha qatt ma ssottomettiet l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tagħha li hu Intrapay Limited, Level -2, 137, Spinola Road, St. Julian's STJ 3011 datata s-27 ta' Lulju 2020 (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur);*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija fuq l-istess indirizz nhar l-14 ta' Settembru 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri l-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont ir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fl-14 ta' Settembru 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi għal kull bon fini irid jiġi rrimarkat kif ir-Reġistratur qatt ma rċieva xi oġġezzjoni għal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur*

*provdut mill-istess Reġistratur għal ġid ta' kull min setgħa qatt kellu interess jagħmel dan;*

*Illi għaldaqstant billi r-Reġistratur baqa' qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija, għadda sabiex fl-14 ta' Diċembru 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi jrid jiġi nnotat ukoll kif skont l-aħħar informazzjoni reġistrata mar-Reġistratur is-soċjetà Intrapay Group Holdings Limited hi l-unika soċjetà azzjonista tal-istess Intrapay Limited, liema azzjonista hi reġistrata fil-British Virgin Islands, numru ta' reġistrazzjoni 1915773 bl-indirizz ta' Trinity Chamber, PO Box 4301, Road Town, Tortola u liema sidien benefiċċjarji tagħha huma naturalment mhux magħrufa mar-Reġistratur, kif diġà konfermat permezz ta' din ir-risposta u l-proċedura nnifisha li waslet għat-tneħħija minn fuq ir-Reġistru tal-kumpanija Intrapay Limited;*

*Illi s-soċjetà Intrapay Limited u kif ukoll l-uffiċjali tagħha qabel ma dawn tal-aħħar irriżenjaw, injoraw ukoll il-multi illi jfakkru f'tali nuqqas u qatt ma ġew affetwati l-pagamenti tal-istess. Tant hu hekk illi l-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal EUR 600 filwaqt li l-penali fuq*

*nuqqas ta' reġistrar ta' dawn il-prospetti u kif ukoll tal-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji u tal-kontijiet annwali jammontaw għal EUR 18,545 biex b'hekk l-ammont totali dovut a kreditu tar-Reġistratur jammonta għal* ***EUR 19,145*** *sad-data tar-rikors promotur;*

*Illi l-kumpanija konċernata tibqa' tinkorri dawk il-penali li jirriżultaw mil-liġi sakemm tali dokumentazzjoni u informazzjoni neċessarja tiġi sottomessa lir-Reġistratur;*

*Illi fir-rigward tal-penali, is-subregolament 6 tal-istess regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilità ta' kull uffiċjal u membru tal-kumpanija għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru. Dan apparti l-provvediment taħt l-Att Dwar il-Kumpaniji illi kumpanija tkun responsabbli in solidum mal-uffiċjali tagħha għall-ħlas ta' kull penali amministrattiva imposta taħt l-istess Att;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija Intrapay Limited terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpaniji għandha tissottometti d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, inkluż l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji, u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Fl-istess waqt irid jiġi rrimarkat dwar l-importanza li r-Reġistru jkun jirrifletti kumpaniji li joperaw u kostitwiti skont ir-rekwiżiti tal-Att, liema ċirkostanzi f'dan il-każ deher s'issa li hu impossibbli wara li ma kien fadal l-*

*ebda uffiċjal li jifforma parti mill-kumpanija Intrapay Limited għal numru ta' xhur qabel ma din ġiet imħassra mir-Reġistru;*

*Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi tħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpaniji in kwistjoni tiġi ratifikata filwaqt li hi lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provvediment illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit li m'humiex in regola mal-Att jew liġijiet sussidjarji tagħha.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat il-verbal tal-15 ta' Jannar 2024, minn fejn jirriżulta illi d-difensur tal-intimat Reġistratur ddikjarat illi l-problema illi għandu r-Reġistratur jekk titpoġġa lura l-kumpanija fuq ir-Reġistru hi illi hija tibqa' monka, mingħajr uffiċjali u għalhekk tibqa' kumpanija li ma jistħoqqiliex tkun fuq ir-Reġistru.

Fl-istess seduta id-difensur tar-rikorrent spjega illi filwaqt illi huwa kien qed japprezza dan il-fatt, però l-patroċinat tiegħu kien jinteressah biss illi jkun f'pożizzjoni illi jipproċedi bil-proċeduri legali illi qed isiru fl-Awstrija sabiex huwa jirkupra pagi li ma tħallasx. Huwa ddikjara ulterjorment illi f'każ ta' eżitu favorevoli, id-deċiżjoni tkun tista' tiġi eżegwita fl-Awstrija, peress illi huwa hemmhekk biss illi l-kumpanija għandha assi.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti *noe ai termini* tar-**Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19**, u li permezz tagħha, ir-rikorrent, li huwa kreditur tal-kumpanija **Intrapay Limited (C 79573)**, qed

titlob ir-ri-integrazzjoni tal-istess kumpanija, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fl-14 ta’ Diċembru 2020.

Illi, f’dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa’ titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante x-xewqa tal-istess rikorrent li jikkonkludi proċeduri li huwa diġà beda fil-Qrati Awstijaci, kif evidenzjat mid-dokumenti ppreżentati.

Illi fl-affidavit tiegħu **Thomas Pinter** jgħid li huwa kien ġie ingaġġjat mis-soċjetà Intrapay Limited f’Ġunju 2018, u kien jaħdem mill-Awstrija. Jispjega illi l-kuntratt tal-impjieg tiegħu huwa fil-fatt regolat bil-liġi Awstrijaka. Jispjega illi kien hemm mument meta is-salarju tieghu kien ridott unilateralment, sakemm ftit xhur wara l-impjieg tiegħu kien mitmum. Segwa bi proċeduri fil-Qorti Awstrijaci għas-somma ta’ l-fuq minn sittin elf Ewro f’arretrati ta’ salarji. Jispjega illi kien hemm diffikultà illi ssir in-notifika tal-atti fl-uffiċini ta’ Intrapay, sakemm finalment sar magħruf illi l-kumpanija kienet tneħħiet minn fuq ir-Reġistru.

Ir-rikorrent jispjega illi huwa mportanti għalih illi jieħu deċiżjoni tal-Qorti peress illi anke jekk il-kumpanija tkun insolventi, bid-deċiżjoni f’idu huwa jkun jista’ jitħallas minn Insolvency Fund fl-Awstrija.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat informazzjoni dwar is-sidien benfiċċjarji tagħha ai termini tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations*, kif ukoll il-kumpanija sfat mingħajr segretarja sa mill-2016.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi r-**Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations***[2] , Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Liġijiet ta’ Malta jgħid is-segwenti:

[2] Ippublikat bl-Ingliż biss

> *(4) If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the Court to have an interest feels aggrieved by the fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of the provisions of this regulation, the Court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the striking off provided for in sub-regulations (2) and (3) may, if satisfied that it is proper that the name of the company be restored to the register, order that such name be restored to the register, and up on an official copy of the order being delivered by the Registrar of the Courts to the Registrar for registration, the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the Court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored to the register.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija **Intrapay Limited (C 79573)** ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw.

Il-Liġi, tħalli diskrezzjoni pjuttost wiesgħa lill-Qorti biex tara u tevalwa l-fatti li jkollha quddiemha qabel tiddeċiedi jekk kumpanija għandiex titpoġġa lura fuq ir-Reġistru o meno. Fil-fatt l-eżami li tpoġġi l-liġi f'ħoġor il-Qorti hu illi l-Qorti tista' tilqa' talba li ssir "*if satisfied that it is proper that the name of the company be restored to the register*".

Il-Qorti tqis illi huwa "proper", u fin-nuqqas ta' test Malti tar-Regolament, tqis għalhekk illi huwa sewwa, xieraq u ġust illi t-talba f'dan il-każ, tiġi milqugħa.

Il-Qorti ma tridx illi twassal xi messaġġ illi huwa aċċettabbli għaliha illi fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji f'Malta għandu jkun hemm jew jitħalla jkun hemm kumpaniji monki, fis-sens illi ma jkunux qed jottempraw ruħhom ma' dak li trid il-liġi Maltija, ir-Regolamenti Maltin. U jagħmel sewwa r-Reġistratur illi meta jara illi jkun hemm kumpaniji illi jkollhom nuqqasijiet u ma jirregolarizzawx minkejja l-proċeduri minnu meħuda, allura jikkanċella minn fuq ir-Reġistru.

Iżda mbagħad tqis illi għalhekk il-liġi tipprovdi għal mekkaniżmu ġudizzjarju bħal dan – biex il-Qorti tevalwa sitwazzjonijiet u biss jekk tħoss sewwa, tordna illi kumpanija titpoġġa lura fuq ir-Reġistru.

Anke jekk il-kumpanija mhix ser tkun regolari meta titpoġġa lura, u l-Qorti konxja ta' dan, il-Qorti ma tħossx illi jkun sewwa illi ċċaħħad ħaddiem, hu min hu, hu fejn hu, milli jkollu l-opportunità illi jirkupra u jitħallas arretrati ta' paga għal xogħol li jkun wettaq. Dan magħdud, kif ser jiġi deċiż aktar l-isfel, il-Qorti tħoss illi jkun opportun illi jiġi prefiss perjodu illi fih ir-rikorrent għandu jara illi jikkonkludi l-proċeduri tiegħu.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 u r-Regolamenti 386.19 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun sewwa (proper) illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* liġi sussidjarja 386.19, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Intrapay Limited (C79576)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Intrapay Limited (C79576)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji għall-perjodu massimu ta' sentejn li fihom huwa mistenni illi r-rikorrenti jikkonkludi l-proċeduri legali ġja

inizjati fl-Awstrija sabiex jirkupra u jitħallas l-arretrati ta' pagi li jippretendi illi huma lilu dovuti mill-kumpanija.

4. **Fir-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Intrapay Limited (C79576)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**